KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tal- Erbgħa u għoxrin (24) il-laqgħa b'urgenza tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**It-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2016 fis-5.00pm**

---

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

Skuzat:-

| | |
|---|---|
| Michael Camilleri | Kunsillier |

---

1. **Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

2. **Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq wara l-maltemp.**

Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu issejjaħ din il-laqgħa b'urgenza minħabba xita qawwija ħafna li ikkawzat ħsara enormi f'parti mill-wiċċ tat-tarmaċ ta' Triq San Blas tant li ħafna mill-wiċċ inqala' għal kollox u parti oħra daħal l-ilma taħtu.

Is-Sindku bgħat jinforma lid-Direttur tal-Kunsilli dakinhar stess b'din is-sitwazzjoni fejn talab l-awtorizzazzjoni tad-Dipartiment biex isiru t-tiswijiet meħtiega malajr u jitneħħa l-periklu l-kbir. Kull Kunsillier kien ikkupjat fil-korrespondenza ukoll. Id-Direttur ta' *guidelines* ta' kif il-Kunsill jista jagħmel xogħolijiet ta' natura urġenti bhalma hu l-kaz fi Triq San Blas. Id-Direttur informa lil Kunsill li trid issir stima mill-Perit tal-Kunsill u tiġi mibgħuta lid-Dipartiment taħt forma ta' BOQ. Id-Direttur informa ukoll li dan irid ikun approvat f' laqgħa tal-Kunsill u l-kwotazzjonijiet migbura jiġu verifikati mill-Perit, kif ukoll mibgħuta lid-Dipartiment għall-approvazzjoni.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li ingabret BOQ mill-Perit tal-Kunsill bl-ammont ta' 9,000 ewro li tkopri kejl ta' madwar 250 metru kwadru. Is-Sindku kompla jgħid li hu kien ser jitlob lil Kunsilliera prezenti illum f'din il-laqgħa b'urgenza l-approvazzjoni tagħhom għal ħrug ta' kwotazzjonijiet, izda mingħajr ma qatt kien infurmat jew konsultat il-Kunsill, il-Ministeru għal Ghawdex iddeċieda li jagħmel patching

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

temporanju f'din l-imsemmija triq fejn kien hemm il-ħsarat. Is-Sindku kompla jgħid li din hija triq li taqa' taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill u għalhekk kien il-ħsieb li iltqajna biex nieħdu azzjoni.

Is-Sindku nnota li minkejja li japrezza l-azzjoni minn naha tal-Ministeru għal Għawdex, iħoss li l-Kunsill setgħa gie infurmat qabel. Is-Sindku kompla jgħid li hemm bzonn ta' patching serju f'toroq li jaqgħu taħt ir-responsabilita tal-MGOZ u l-Kunsill ilu jibgħat ittri lil MGOZ fuqhom, bhal Triq Għajn Qasab, Triq ta' Xhajma (perikoluza għas-sewwieqa għax għandha bzonn tqaxxir u livellar), Triq it-Tiġrija, Triq il-Qala u Triq l-Imġarr (infetħet u periti għamlu raport li ser taqa).

Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku talab li xorta jinġabru l-kwotazzjonijiet u naraw kif jisvolgu l-affarijiet wara l-maltemp u talab l-approvazzjoni biex inkunu nistgħu immexxu bil-kwotazzjoijiet f'kas li jkun hemm bzonn u jintħgazel l-orħos kwotazzjoni. Il-Kunsilliera prezenti qablu ma dan kollu.

Is-Sindku nnota ukoll li fi Triq Grunju waqa ħajt tas-sejjieħ bil-maltemp għal got-triq u ġie perikuluz. Il-Kunsill qabel li jitranġġa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Il-Laqgħa spiccat fis-17:18p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva